Tema 6

# L-ambjent naturali



**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi 'l-istudenti għal Aspetti Soċjokulturali li għandhom x'jaqsmu mar-riċiklaġġ tal-iskart.**

**Tema 6: L-ambjent naturali**

**Silta tas-smigħ:**

Għalliem: X'tafu tgħiduli dwar l-iskart organiku?

Martina: Nisseparaw l-iskart li ġej mill-ikel.

Għalliem: Brava, Martina. Min jista' jsemmi x'narmu fil-borża tal-iskart organiku?

Petra: Skart ġej minn ikel li jibqa' fil-platt.

Għalliem: Prosit, Petra. Iżjed? Għidli Kelly.

Kelly: Qxur tal-ħaxix u frott bħal qxur tal-patata u tal-banana.

Helga: Anke l-qxur tal-bajd nistgħu narmu fiha.

Għalliem: Tajjeb, Helga. Iżjed? Ħa ngħinkom ftit. Hawn skart ieħor li jkun fil-ġnien.

Abigail: Naf. Bħal weraq u fjuri.

Għalliem: Tajjeb, Abigail. Nistgħu narmu ħut u frott tal-baħar?

Studenti: Iva.

Għalliem: X'nistgħu narmu iżjed? Ħadd ma jaf? Nistgħu narmu boroż tat-te, kafè mitħun u frott u ħaxix imħassar. Nistgħu narmu wkoll srievet tal-karti u karti maħmuġin.

Maya: X'ma nistgħux narmu?

Għalliem: Ħmieġ tal-annimali, ħrieqi jew tazzi tal-kafè. Issa ngħaddu għal suġġett ieħor...



**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

Fil-borża tal-iskart organiku,

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| ma nistgħux narmu ħut u frott tal-baħar. | | |
| nistgħu narmu srievet tal-karti maħmuġin. | | |
| ma nistgħux narmu tazzi tal-kafè. | | |

**Eż. B: Qabbel naħa m'oħra permezz tan-numri:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Petra qalet li narmu | | skart ġej minn frott u ħaxix imħassar. |
| 2. Kelly qalet li narmu | | skart ġej minn weraq u fjuri. |
| 3. Abigail qalet li narmu | | skart ġej minn ikel li jibqa' fil-platt. |
| 4. L-għalliem qal li narmu | | qxur tal-patata u tal-banana. |

**Eż Ċ: Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel:**

Fil-borża tal-iskart organiku, nistgħu narmu qxur tal- ________________,

u ________________ mitħun. Imma nistgħux narmu ħmieġ

tal- ________________.



| kafè | bajd | annimali |
|---|---|---|